IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

MARZU 1951

# Esibizzjonijiet ta' l-Arti

*GĦALL-AĦĦAR tas-sena li għaddiet kien hemm xi esibizzjonijiet ta' l-arti fil-Belt u f'xi bnadijiet oħra, u kollha mxexxew ħafna; f'dawk tal-Belt intwerew xogħlijiet ta' pittura u skoltura u kellhom success. Ħafna nies marru mhux biss biex jixtru, iżda wkoll biex jitgħaxxqu bl-arti, u biex jammiraw opri artistiċi. Din hi xhieda ta' sens artistiku fost il-Maltin u ta' ġibda lejn ġmiel u sbuħija. Din il-ġibda hi ta' min igħożżha u jkattarha għax hi ssebbaħ u żżejjen ir-razza tagħna, terfagħna u tgħollina fost in-nazzjonijiet ċivilizzati. Il-ġibda għall-arti tiswa għax tqajjem fost il-poplu sentimenti nobbli u ġenerużi, trattab il-qlub, tqajjem ħsibijiet serji u tħeġġeġ tqanqil u xewqat għal opri kbar.*

*Il-ġibda għall-arti tnissel ukoll xejra għall-ħidma artistika, il-poplu jitgħallem igħożż l-arti u jqim l-artist, fuq kollox il-poplu jidra jistma l-patrimonju artistiku ta' pajjiżu u dan jiswa biex iħajjar lil dawk iċ-ċittadini li jħossu ruħhom miġbudin lejn l-arti, jinxteħtu għat-tagħlim bil-għaqal u bil-ħrara ħalli jwettqu xogħlijiet sbieħ u artistiċi li jżejnu lill-pajjiż, ikattru l-ġieh ta' artna u jgħollu l-koltura tagħna.*

*Għaldaqshekk dawk l-esibizzjonijiet għandhom is-siwi tagħhom bħala istruzzjoni popolari, għax bħalma għidna, huma jqanqlu xejriet għall-arti u jnebbhu n-nies b'dik il-għaxqa li wieħed iġarrab meta jara u jistgħall opri ta' l-arti, opri li jqanqlulu ruħu u jferrħulu qalbu. Għal din ir-raġuni aħna jidhrilna li l-Gvern jew Soċjetajiet kulturali imisshom igħinu jew jindaħlu biex jorganizzaw dawn il-wirjiet.*

*Dawn il-wirjiet jistgħu jkunu ta' xogħlijiet maħdumin minn artist wieħed jew minn bosta artisti. u allura jiswew ta' inkoraġġiment u xi drabi wkoll ta' premju, lill-artist u artisti li juru x-xogħlijiet tagħhom. Ħafna drabi dawn l-artisti ma tantx isibu min jagħmlilhom il-ħila u jħeġġiġhom fil-ħajja artistika tagħhom, u dawk l-esibizzjonijiet għandhom mnejn jiswew biex jiftħu għajnejn il-poplu u juruh min huma dawk l-artisti li bil-ħaqq jistħoq-*

*qilhom qima u ġieħ. Dawn l-esibizzjonijiet jiswew ukoll biex iqajmu pika bejn l-artisti u għira għax-xogħol tagħhom ħalli aktar iħabirku biex iwettqu xogħlijiet dejjem aqwa u aħjar.*

*Barra l-esibizzjonijiet ta' xogħlijiet ta' artisti, wieħed jista' jikseb ġid ukoll jekk issir wirja ta' opri jew xogħlijiet artistiċi merfugħin fi stabbilimenti tal-Gvern bħalma huma l-Mużew jew il-Bibljoteka, jew f'xi ġabriet oħra. Kif kulħadd jaf fil-Mużew u fil-Bibljoteka hemm opri ta' ġmiel kbir li jqajmu ammirazzjoni f'kull min jarahom, iżda sfortunatament ftit wisq huma dawk innies li jħabblu moħħhom biex imorru minn rajhom ħalli jitgħarrqu b'dawk l-opri li jiswew eluf ta' liri u li jgħaġġbu lill-barranin bis-sbuħija tagħhom. Ħafna drabi ukoll dawk li jmorru jżuru l-Mużew jew il-Bibljoteka ma jkollhomx iż-żmien jaraw kollox u hekk għandhom mnejn iħallu bla ma jaraw l-aħjar; jew jista' jiġri ukoll li ma jkunux jafu fejn iħarsu biex jaraw l-isbaħ u l-aħjar oġġetti, għalhekk joħorġu berdin u bla ħrara ta' xejn.*

*Kieku l-awtoritajiet kultant jagħżlu xi ftit mill-opri sbieħ li hemm maħżunin u jirranġawhom f'wirja għalihom, kieku l-poplu aktar jinteressa ruħu għax kulħadd jitħajjar imur jara esibizzjonijiet żgħar ta' opri kbar, l-aktar jekk ikun hemm min ifissirlu bil-kliem jew bil-miktub dwar dawk l-opri esibiti. Hekk f'qasir żmien wieħed ikun jista' jistgħall il-fjur tal-ġabriet merfugħin fil-Mużew, fil-Bibljoteka jew fi bnadijiet oħra.*

*La darba l-poplu jagħraf l-opri ta' l-arti li jżejnulu 'l pajjiżu, hu aktar jibda jistmahom u jistgħallhom, jibda jqim l-arti u jirrispetta l-artisti u hekk igħin biex igħolli klassi li jistħoqqilha ġieh u stima min-nazzjon.*